FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

27 TA' LULJU 2016

Il-Pulizija

(Spettur Maurice Curmi)

vs

Elaine Scicluna

Il-Qorti,

Rat l-imputazjonijiet kontra l-imputata ta' karta ta' identita' numru 240878(m) akkuzata talli f'Jannar 2008 u fis-snin precedenti f'dawn il-Gzejjer:

1. b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggiehel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginatji, jew sabiex tqanqal tama, jew biza dwar grajja kimerika ghamlet qligh ta' aktar minn €2329.37 ghad-dannu tas-socjeta' Gasan Mamo Insurance Limited ai termini tal-Artikoli 18,308,309 u 310 tal-Kodici Kriminali;
2. fl-istess zmien lok u cirkostanzi approprjat ruhha billi dawwret bi pofit ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor, minn haga li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment tas-socjeta' GasanMamo Insurance Limited ai termini tal-Artikolu 293 tal-Kodici Kriminali;
3. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi ai termini tal-Artikolu 183 tal-Kodici Kriminali;
4. fl-istess zmien, lok u cirkustanzi xjentement ghamlet uzu minn dokument falz ai termini tal-Artikolu 184 tal-Kodici Kriminali;

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna l-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali permezz ta' liema u ai termini tal-artikoli tal-ligi hemm citati bghat lill-imputata sabiex tigi iggudikata minn dina l-Qorti;

Semghet lill-imputata tiddikjara li ma kellix oggezzjoni li l-kawza tinstema' u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Semghat it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali l-akkuzi jittrattaw l-Artikoli 308,309,310(1)(a);293,294,310(1)(a);183,184;18 tal-Kap 9. Jippotizzaw ir-reat ta' truffa aggravata, ta' misapproprjazzjoni aggravata, ta' falsifikazzjoni ta' att pubbliku, kummercjali, jew ta' bank privat minn persuna li mhiex ufficjal pubbliku u bl-uzu tal-istess.

Intant, il-fatti li taw lok ghall-akkuzi huma relatati mal-perjodu li l-imputata kienet impiegata mas-socjeta' kwerelanta bhala "Claims Negotiator", igifieri, impiegata fi hdan id-dipartiment tas-socjeta' adebit sabiex tittratta talbiet mill-assikurati taghha li jkunu sofrew xi dannu jew hsara relatati mal-ivvjagar. Principalment, dan kien isir fuq talbiet minn passiggiera, assikurati taghha, li fit-termini tal-polza ta' assikurazzjoni, kienu jigi rizalciti mis-socjeta kwerelanti, li minn naha taghha in forza tas-surroga mill-assikurat kienet titlob r-rifuzjoni ta' dak li tkun halset lill-linja tal-arju in kwistjoni.

L-allegazzjoni marbuta mar-reati li taghhom hi akkuzata l-imputata huma ta' tlett ispecje.

L-ewwel: li l-flus rifuzi mill-kumpanija tal-ajru Air Malta koncernanti tali talbiet ta' rifuzjoni ta' danni jew hsara sofferta mill-assikurat, sakemm diretti kontra l-linja tal-ajru, fil-kaz specifiku l-Air Malta, ma kienux jidhlu kollha lura ghand is-socjeta'. Jirrisulta f'dan il-kuntest li kien ix-xoghol principali tal-imputata, wara li ikunu gew ittrattati dawn it-talbiet, ikun thallas d-dannu jew hsara sofferta mill-assikurat ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni, tittiehed s-surroga fid-drittijiet tal-assikurat, li hi ddahhal l-informazzjoni relattiva fuq is-sistema komputerizzata tas-socjeta' u taghmel t-talba lill-kumpanija tal-ajru in kwistjoni, fil-kaz specifiku l-Air Malta, biex din tirrifondi lis-socjeta' l-ammonti li s-socjeta' tkun halset in soddisfazzjon tat-talbiet tal-assikurati taghha.

Illi l-allegazzjoni f'dan ir-rigward hi li l-imputata zammet hlasijiet ghaliha minn dawn il-flus li s-socjeta' kwerelanta irceviet mill-Air Malta bhala "ricoveries". Xhedu n-sostenn ta' dan, s-segwenti:

Minn naha tas-socjeta kwerelanta:

- Margaret Said (folio 215 – kontro ezami folio 371) li xoghla fis-socjeta' kwerelanta kien ta' "accounts clerk". Spiegat li l-imputata kienet tohdilha l-flus, f'kontanti u cekkijiet, li tkun gabret u f'okkajonijiet l-imputata kienet titlobha issarfilha xi cekk (fil-kaz in dizamine tal-Air Malta) fi flus minhabba li kienet tghidilha li "s-sistema tal-IT li kellha s-socjeta' ma kinitx tippermetti li jddahhal l-ammont tac-cekk fejn kien jikkoncerna 'mulple claims"

- Christine Privitera (folio 299 – kontro ezami folio 377) li kienet subentrat fix- xoghol tax-xhud precedenti li stqarret similment li l-imputata ta' spiss kienet titlobha ssarfilha xi cekk minn dawk li kienet tohdilha tal-Air Malta u tghidilha li dan riditu minhabba l-allokazzjoni li hi (l-imputata) kien ikollha taghmel fuq izjed minnn "claim" wahda;

u, minn naha tas-socjeta' Air Malta:

- Sylvia Agius (folio 326) u Josephine Micallef (folio 328) li xehdu fil-konfront tad-dok.ti a folio 42,43 u 44 relattivament ir-rijmbors lis-socjeta' kwerelanti ta' talbiet (claims) li s-socjeta' tkun halset lill-assikurati taghha koncernanti l-perjodu Mejju, Gunju u Lulju tas-sena 2006, dana fuq rikjesta tas-socjeta' kwerelanti u l-pagament lilha mill-Air Malta evidenzjat bl-immagni tac-cekk relattiv riferenti ghal kull talba komposta minn numru ta' talbiet.

Xehed Ramon Sultana (folio 308 – kontro ezami folio 394) u John Galdes (folio 33 – kontro ezami folio 399). Ta' l-ewwel kien dahal fil-mansjonijiet tal-imputata meta hi kienet harget fuq 'maternity leave' fis-sena 2006. Basikament kien il-persuna li induna b'certi diskrepanzi li tfaccaw f' talbiet konessi ma' assikurazzjoni tal-ivvjaggar saldati mill-Air Malta u liema diskrepanzi u/jew presunti irregolaritajiet taw aditu ghall-investigazzjoni mitluba mis-socjeta' kwerelanta lis-socjeta' awditrici taghha 'PriceWaterhouseCoopers' liema rapport taghhom hu esebit a folio 57 et seq. Dan jasal ghal certi konkluzjonijiet li jimplikaw b'mod indirett lill-imputata, liema rapport pero' stante li 'ex parte' ma jaghmilx prova skond il-ligi kontra l-imputata.

Fir-rigward ix-xhieda ta' John Galdes qua 'senior manager' fis-socjeta' kwerelanta, huwa stqarr li kien investiga l-agir tal-imputata dwar li kienet titlob li jisarfula cekks li kienet tircevi mill-Air Malta bhala 'recoveries' fuq il-pretisa, li ma kinitx tikkorrispondi ghal verita', li s-sistema informatika tas-socjeta' ma kinitx attrezzata biex talloka 'multiple claims' kontenuti f'cekk wiehed. Kompla jixhed testwalment kif hawn riprodott. Qal hekk: "ghamilt certu queries fuq il-computer bil-login name ta' Elaine Scicluna u bdejt niskopri li meta jkun hemm dawk ic-cekkijiet, li kif spiegajt gew imsarfin, fis-sistema tal-computer hi kienet qed tidhol u tiddilitja l-istima li ahna nkunu ghaminna fil-computer. Meta ahna naghmlu attentat biex naghmlu recovery, indahlu stima. Ma kull entratura, ma kull claim li qeghdha imsemmija f'dawn id-dokumenti esebiti, jiena sibt li dik l-istima giet deleted minn Elaine." U kompla "fit-23 ta' Jannar 2008 iltqajna jiena u Leslie Causon ma Elaine Scicluna, wrejniha x'konna sibna u hi innegat li kienet involuta. Avvolja kellna l-provi u wrejnihomla biex tispiega x'seta gara, hi qalet li ma kellha ebda spiegazzjoni imma tinnega li kienet involuta". Fuq l-istess linji xehed Leslie Causon (folio 343 - kontro ezami folio 396) li stqarr li l-imputata minflokk li c-cekk mill Air Malta kien jigi minnha processat kif suppost, kienet issarfu ghand dik-is-sezzjoni tal-finanzi fi hdan is-socjeta' kwerelanta, tinghata flus kontanti ghall-import tac-cekk, thassar mis-sistema komputerizzata u l-cash-book l-istima relattiva pero' naqset li temmenda billi thassar l-entratura minn fuq l-ispreadsheet li kien jinzam manwalment.

In vena legali fir-rigward dan l-ewwel aspett tal-kawza l-Qorti tafferma li waqt li hi mankanti l-ahjar prova (li fic-cirkostanzi kienet tkun inkjesta magisterjali) u fil-waqt li hi prekluza li tiehu qies tal-istqarrija u r-rapport tad-ditta awditrici, hi pero' tal-fehma li hemm evidenza cirkostanzjali bizzejjed li jikkonsentilha ssib htija fil-kaz in ispecje ta' misapproprjazzjoni ai terminu tal-Artikolu 293, 294 izda mhux ukoll taht l-Artikolu 310(1) stante li mill-atti l-element

ossija l-konsistenza tad-dannu ma jinsabx pruvat univokament. Lanqas mhi qeghdha il-Qorti tirrijavvisa ir-reat ta' truffa stante li f kaz li jista' jreggi in konkomitanza mar-reat ta' misapproprjazzjoni (fatt dibattibbli) s-semplici menzogna mhux sufficjenti biex jaghmel ir-reat fin-nuqqas tal-'mise en scene' konsistenti f'artificji u raggiri. Huwa eskluz minhabba il-konkors tar-reati dak kontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kap 9.

In kwantu ghar-reat ta' misapproprjazzjoni jissussistu l-elementi kollha ghall-esistenza ta' dan ir-reat u cjoe': (i) il-pussess ta' flus in forza tal-impieg taghha mas-socjeta' kwerelanti; (ii) l-approprjazzjoni minnha ta' dawn il-flus imhalsa lilha proprjeta' tas-socjeta' kwerelanta u l-konversjoni taghhom ghal uzu taghha kontra l-iskop li kienu fidati lilha; (iii) bil-konsegwenti profit ghaliha u dannu ghas-socjeta' kwerelanta.

Ikkunsidrat:

It-tieni aspett tal-kawza tikkoncerna l-erba assenji  esebiti folio 48 sa 51, tlieta minnhom ghall-import ta' Lm500 kull wiehed u l-iehor ta' LM376.37.  Rigward dawn xehdu il gja imsemmija John Galdes, Ramon Sultana, Leslie Causon, Francis Valletta (xhieda ta' dan riportata a folio 335 u kontro-ezami folio 403) u rappresentant tal-Bank of Valletta fil-persuna ta' Romwald Attard (folio219).   L-imputata hi u tixhed minn jedda quddiem din il-Qorti ma setghetx tispiega ir-raguni ta' dawn l-assenji mahruga minn fuq kont tas-socjeta' kwerelanta u paggabbli lil numru tal-kont bankarju taghha. Fir-rigward dawn  assenji l-Qorti mhux ser tiddilunga tittratthom aktar minn necessarju stante li l-provi huma univoci u jimplikaw lill-imputata fi truffa minnha effettwata kontra s-socjeta' kwerelanta permezz ta' artificji u raggiri, konsistenti fil-holqien minn naha taghha ta' talbiet assikurattivi foloz, konditi b'menzogna biex geghlet lill-imsemmi Francis Attard jiffirmala l-assenji waqt li approfittat mill-assenza tas-soliti firmatarji.

Fil-kuntest tal-import taghom jidher li hu jinsab imhallas lura mill-imputata lis-socjeta' b'daqstant pero' li r-reat komplut kien gja sehh.

Jirrisulta wkoll r-reat ta' falsifikazzjoni taht l-Artikolu 183 (falz materjali) u l-uzu li sar mill-istess fil-waqt li gew depositati u akkreditati lill-imputata kif muri mir-rendikont relattiv il-kont bankarju taghha mal-Bank of Valletta.

Ikkonsidrat:

Dwar it-tielet aspett li jikkoncerna t-telefon celullari ordnat mil-imputata u kkonsenjat lilha direttament l-Qorti mhux qeghdha tidentifika ebda reat 'in criminalibus' li gie kommess minnha nonostante li thallas eventwalment mis-socjeta' kwerelanta.

Ghaldaqstant, u trattata l-kawza mill-aspetti kollha taghha, issib l-imputata hatja tar-reati lilha addebitati ossija ta' misapproprjazzjoni, truffa u falsifikazzjoni kif fuq inghad. Rat l-Artikoli 308,

310(1)(a), 293, 294, 183,184, 18, 17(b) tal-Kap 9. Tikkundannha sentejn priguneria li qeghdha pero' tissospendihom ghaz-zmien erba snin mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Tastjeni li tordna l-konfiska tat-telefon celluri jew li tapplika l-Artikolu 28H tac-citat Kap 9 stante proceduri civili li kienu istitwiti mis-socjeta kwerelanta.

A.M.Trigona

Magistrat